**MALTA**

**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-16 t'Ottubru, 2018.**

**Rikors Numru 157/2013 SM**

**Derek Fenech**

**vs.**

1. **Jason Carabott**
2. **Korporazzjoni EneMalta**
3. **Kunsill Lokali Marsaxlokk**

**u**

**b'digriet datat il-21 ta' Novembru, 2016,**
**l-isem Korporazzjoni Enemalta gie mibdul**
**ghal Enemalta p.l.c.**
**(C – 65836)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-15 ta' Frar, 2013, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi ghall-habta tat-8.15p.m. tal-4 t'April, 2009, sehh incident awtormobilistiku fi Triq il-Wilga, illum Triq il-*Power Station*, Marsaxlokk;

1.2. Illi f'dan l-incident ir-rikorrenti ttajjar minn vettura bin-numru BAA – 152 misjuga minn u proprjeta` tal-intimat Jason Carabott, (ara foll 6);

1.3. Illi l-incident *de quo* sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku daparti tal-intimat Carabott;

1.4. Illi l-intimati l-ohra ikkontribwew ghal dan l-incident billi naqsu mill-obbligu taghhom li:

1.4.1. Idawlu adegwatament it-triq fuq riferita fejn sehh l-incident;

1.4.2. Jizbru s-sigar u l-haxix tal-genb tat-triq billi kien impossibbli ghall-persuni miexjin hemmhekk li juzaw il-bankina;

1.5. Illi rizultat tal-istess incident ir-rikorrenti sofra dizabilita` permanenti;

1.6. Illi ghalkemm l-intimati kienu debitament interpellati biex jaghmlu tajjeb ghad-danni ikkagunati lir-rikorrenti, dawn baqghu inadempjenti;

1.7. Illi ghalhekk adixxa din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom, kienu responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;

1.7.2. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, inkluza d-dizabilita` permanenti riskontrata, okkorrendo bl-opera ta' periti *nominandi*;

1.7.3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom, jew lill-intimati *in solidum* biex ihallsu d-danni hekk likwidati lir-rikorrenti;

1.7.4. Bl-ispejjez u bl-interessi kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati;

2.0. Rat id-digriet datat il-21 ta' Marzu, 2013, li permezz tieghu:

2.1. Appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 73);

2.2. Tat dawk l-istruzzjonijiet xierqa ghall-ahjar konduzzjoni tal-istess procedura, (ara foll 74);

3.0. Rat ir-risposta datata z-19 t'April, 2013, li permezz taghha l-Kunsill Lokali intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 75):

3.1. Illi r-rikors promotur hu null *stante* li tali procedura ghandha tkun indirizzata fil-konfront tas-Sindku u tas-Segretarju Ezekuttiv u mhux kontra l-Kunsill Lokali intimat;

3.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti;

3.3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati *stante* li t-triq involuta ma taqax taht ir-responsabbilita` tal-Kunsill Lokali intimat, u dan:

3.3.1. La ghall-istallazzjoni tad-dawl; u

3.3.2. Lanqas ghall-qtugh ta' sigar u haxix;

3.4. Salv risposti ulterjuri;

3.5. Bl-ispejjez;

4.0. Rat ir-risposta datata t-23 t'April, 2013, li permezz taghha s-socjeta` Enemalta p.l.c. sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti, (ara foll 81):

4.1. Illi m'hemm l-ebda kontestazzjoni fuq il-fatt li sehh l-incident in dizamina;

4.2. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fil-konfront taghha huma inveritjeri;

4.3. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

4.4. Illi s-socjeta` intimata ma tistax arbitrarjament twahhal lampi pubblici;

4.5. Illi l-istess socjeta` tista' taghmel dan biss wara li tinghata avviz mill-Ministru jew Kunsill relattiv;

4.6. Illi parti mit-triq in dizamina kienet imdawla u attrezzata b'lampi pubblici;

4.7. Illi ghall-parti l-ohra tal-istess triq il-Kunsill Lokali intimat kien applika biex jitwahhlu lampi ohra madwar seba' (7) xhur wara li sehh l-incident *de quo*;

4.8. Illi r-rikorrenti qatt ma forniha informazzjoni rigwardanti l-post ezatt fejn sehh l-incident minkejja diversi interpellazzjonijiet fir-rigward;

4.9. Illi l-post fejn jitwahhlu lampi pubblici hi funzjoni li giet delegata lill-Kunsill Lokali;

4.10. Illi kien biss fil-11 ta' Marzu, 2011, li s-socjeta` intimata giet infurmata bl-incident in dizamina, (ara foll 84);

4.11. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

4.12. Salv risposti ulterjuri;

5.0. Rat ir-risposta datata d-29 t'April, 2013, li permezz taghha, l-intimat Carabott sintetikament irrisponda bil-mod segwenti, (ara foll 85):

5.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma preskritti *ai termini* tal-artiklu 2153 u/jew 2154 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 16);

5.2. Illi jirrespingi l-allegazzjoni li hu kien responsabbli ghall-incident *de quo*;

5.3. Illi hu kien:

5.3.1. Qed isuq bil-galbu, skont il-ligi;

5.3.2. Illi r-rikorrenti kien miexi fit-triq u mhux fuq il-bankina;

5.3.3. Illi r-rikorrenti kien liebes l-iswed b'dahru lejn id-direzzjoni li minnha jkunu gejjin il-karozzi;

5.4. Illi t-triq kienet mudlama ghal kollox u induna bir-rikorrenti biss wara li sehh l-incident *de quo*;

5.5. Illi r-rikorrenti ghandu jgib il-provi tad-danni minnu sofferti u tal-ammont li ghandu jigi likwidat favur tieghu;

5.6. Illi m'hemm l-ebda danni x'jigu likwidati;

5.7. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

5.8. Illi l-istess talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

5.9. Salv risposti ulterjuri;

6. Rat il-verbal datat it-8 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu, l-abbli rapprezentant legali tal-intimat Carabott irtira t-tieni (2) risposta minnu ipprezentata, (ara foll 111 u 85 rispettivament u paragrafu numru hamsa punt wiehed, (5.1.), aktar qabel);

7. Rat ukoll il-verbal ulterjuri datat it-8 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet talbu li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni rimanenti, (ara foll 75), tigi deciza flimkien mal-mertu, (ara foll 111);

8. Rat id-digriet datat id-29 ta' Novembru, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 388), u kif estiza, (ara foll 419);

9. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata d-9 ta' Frar, 2018, (ara foll 389), flimkien ma dik tal-intimat Carabott datata s-27 ta' Marzu, 2018, (ara foll 400), ma dik tal-Kunsill Lokali intimat datata d-29 ta' Mejju, 2018, (ara foll 420), u dik tas-socjeta` intimata datata d-9 t'April, 2018, (ara foll 412);

10. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

11. Semghet ix-xhieda prodotta;

12. Ezaminat id-dokumenti esebiti inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

13.1. Illi ghall-habta tat-8.20p.m. tal-4 t'April, 2009, kien sehh incident awtomobilistiku fi Triq il-Wilga, illum Triq il-*Power Station*, fejn ir-rikorrenti Fenech kien gie mtajjar minn vettura bin-numru BAA – 152 proprjeta` u misjuga mill-intimat Carabott, (ara Rapport tal-Pulizja a foll 127);

13.2. Illi r-rikorrenti jsosstni li l-incident *de quo* sehh tort u htija tal-intimat Carabott u tal-intimati l-ohra talli dawn naqqsu li jdawwlu adegwatament it-triq in kwistjoni, u mill-obbligu li jizbru s-sigar u l-haxix tal-istess triq, (ara foll 2 u 360);

13.3. Illi l-intimati kollha jikkontestaw dak lilhom addebitat mir-rikorrenti, (ara foll 75, 81 u 85);

Ikkunsidrat:

**A. Eccezzjonijiet Preliminari tal-Kunsill Lokali intimat:**

Ikkunsidrat:

**A.1. In-Nullita`:**

14. Illi l-imsemmi Kunsill eccepixxa preliminarjament li r-rikors guramentat promotur hu null *stante* li t-talba tar-rikorrenti kien messa saret kontra s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-istess Kunsill, (ara foll 75 u l-paragrafu numru tlieta punt wiehed, (3.1.), aktar qabel);

15. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet ***Waste Control Services Limited* vs. Kunsill Lokali tal-Mosta**, datata z-**19 ta' Gunju, 2001**, li irriteniet is-segwenti:

> "Illi, skond din il-Qorti, ghalkemm il-ligi relativa taghti r-rappresentanza legali ta' Kunsill Lokali f'idejn persuni partikolari, dan ma jfissirx li l-Kunsill, bhala entita` jew korp morali, legali, u awtonomu, ma jistax jigi citat f'kawza f'ismu, u minghajr il-htiega jigifieri li jigu citati wkoll l-ismijiet tas-sindku u tas-segretarju tieghu";

16. Illi in vista tal-premess, din l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

**A.2. Il-Preskrizzjoni:**

17. Illi it-tieni (2) eccezzjoni preliminari tal-istess Kunsill Lokali intimat tissolleva l-kwistjoni tal-preskrizzjoni tal-procedura;

18. Illi pero` jigi immedjatament sottolineat li din l-eccezzjoni m'indikatx taht liema artiklu taqa' l-istess procedura;

19. Illi konsegwentement tali eccezzjoni hi irritwali;

20.0. Illi pero` jigi wkoll sottolineat is-segwenti:

20.1. Illi l-incident in dizamina sehh fl-4 t'April, 2009, (ara foll 127);

20.2. Illi l-ittra ufficjali *de quo* intbghatet lill-Kunsill Lokali intimat fil-11 ta' Marzu, 2011, (ara foll 101);

20.3. Illi l-procedura prezenti giet intavolata fil-15 ta' Frar, 2013, (ara foll 1);

21. Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li l-perjodu preskrittiv ta' sentejn (2) gie debitament interrott;

22. Illi ghalhekk, anke din it-tieni (2) eccezzjoni preliminari ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

23.0. Illi f'dan ir-rigward jigi wkoll sottolineat is-segwenti:

23.1. Illi l-eccezzjoni preliminari tal-intimat Carabott rigwardanti l-preskrizzjoni giet irtirata, (ara foll 111);

23.2. Illi s-socjeta` intimata *Enemalta p.l.c.* ma intavolat l-ebda eccezzjoni fir-rigward;

Ikkunsidrat:

24. Illi f'dan l-istadju jigi issa indirizzat il-**mertu** veru tal-vertenza, senjatament, jekk tirrizultax ir-responsabbilita` tal-intimati fir-rigward tal-incident in dizamina kif reklamat mir-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

**B. 1. Ir-Responsabbilita` tal-intimat Carabott:**

25. Illi l-intimat Carabott kien qed isuq il-vettura numru BAA – 152 fit-triq fejn sehh is-sinistru in dizamina fuq riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel);

26. Illi bhala konducent ta’ vettura l-imsemmi intimat kellu l-obbligu li jzomm dik l-attenzjoni xierqa rikjesta fis-sewqan;

27. Illi t-triq in dizamina hi wahda li taghti vizwali konsiderevoli u fit-tul, u ma toffri l-ebda ostakolu, (ara foll 136);

28. Illi *nonostante* is-suespost fl-istess hin jigi ribadit li s-sewqan tal-intimat Carabott ma jistax jitqies li kien xi sewqan skonsiderat jew perikoluz;

29. Illi pero`, jirrizulta assodat li ma zammx dik l-attenzjoni xierqa, (“*proper look out*”), rikjesta, mil-ligi – tant li sehh l-incident in kwistjoni;

30. Illi ovvjament jigi sottolineat li s-suespost mhux qed jigi ikkonsiderat wahdu ad eskluzjoni ta’ fatturi ohra rilevanti li ser jigu esplorati aktar ’l quddiem;

31. Illi pero`, limitatament ghal dak fuq sintetikament elenkat, din il-qorti hi sodisfatta li l-intimat ghandu responsabbilita` konsiderevoli fir-rigward tal-incident *de quo*;

Ikkunsidrat:

**B. 2. Ir-Responsabbilita` tal-Kunsill Lokali intimat:**

32. Illi l-Kunsill *de quo* isosstni li t-toroq arterjali ma jaqghux fil-kompetenza tieghu, (ara foll 75);

33. Illi pero` jirrizulta pacifiku li hi r-responsabbilita` tal-Kunsill in kwistjoni li jizbor is-sigar u jaqta’ l-haxix fit-triq de quo b’mod li ma jhallix il-bankina tispicca ta’ periklu ghal kull min jimxi fuqha billi l-utent tal-istess bankina jkun kostrett jinzel fit-triq biex ikun jista’ jibqa’ ghaddej fi triqtu;

34. Illi f’dan ir-rigward jirrizulta li kien biss wara li sehh l-incident hawn in dizamina li l-Kunsill in kwistjoni kiteb lill-*Cleansing Servicing Department* biex jizbor is-sigar u jaqta’ l-haxix in kwistjoni, (ara foll 309);

35. Illi jigi wkoll sottolineat li kien id-dover tal-istess Kunsill intimat li jitlob li jitwahhlu l-arbli tad-dawl fit-toroq biex sussegwentement is-socjeta` Enemalta tipprocessa tali applikazzjonijiet u tistalla d-dwal kif mitluba, (ara foll 320);

36. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)** fl-ismijiet **Joseph Saliba vs. Is-Sindku Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar *et***, datata t-**28 ta' Jannar, 2008**, fejn gie ritenut is-segwenti:

> "Hu principju konsolidat kemm fid-duttrina kif ukoll f'gurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubblici li lilhom hi afidata certa mansjoni huma, bhal kull cittadin privat, marbuta li josservaw, fil-kors tal-attivitajiet taghhom, il-prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili. Regola din ta' korrettezza *bon sens* u ta' zvolgiment ghaqli f'kull parti tal-operat, kemm jekk *si tratta* minn eskluzzjoni ta' xogholijiet, manutenzjoni ta' opri pubblici, vigilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi htija li jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dan sancit fl-artikolu 1031 tal-Kodici Civili;
>
> "Fl-ambitu ta' din it-tematika l-**Qorti Taljana** ta' **Kassazzjoni** (**Nru 9092, 5 ta' Lulju 2001**) kellha dan xi tghid:-
>
> > "*Nell'esercizio del suo potere discrezionale inerente alla esecuzione e manutenzione di opera pubbliche la Pubblica Amministrazione incontra limiti derivanti sia da norme di legge, regolamentari e techniche, sia da regole di commune prudenza e diligenza, prima fra tutte quella del 'nemine laedere' in osequio alla quale essa e tenuta a far sicche` l'opus pubblicum' (in particolare una strada aperta al publico transito) non integri per l'utente gli estremi di una situazione di pericolo occulto (cosidetto insidia o trabocchetto)*";

37. Illi ssir ukoll referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri**) fl-ismijiet ***Fogg Insurance Agencies Limited***

***nomine et* vs. L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta *et***, datata l-**21 t'Ottubru, 2016**, li f'dan ir-rigward irriteniet ukoll is-segwenti:

> "Hu essenzjali li sigar li hemm fit-toroq, minn zmien ghal zmien jigu ezaminati biex minnhom jitnehhew dawk il-partijiet li fihom hsara, jew li huma mejta, morda jew li minhabba d-daqs tal-frieghi jkunu ta' periklu. Sfortunatament f'pajjizna tonqos kultura ta' sahha u sigurta`. Hu essenzjali li jigi ppjanat programm ta' spezzjoni li jassigura li s-sigar f'postijiet pubblici huma spezzjonati kemm hu necessarju. Spezzjoni li ghandha ssir minn persuni li jifhmu fil-qasam tas-sigar u dan ghandu jwassal biex isir *risk assessment*. Il-Kunsill kellu l-obbligu li jiehu passi ragonevoli biex inaqqas ir-riskji";

38. Illi minn ezami tar-rizultanzi *in atti* jirrizulta nuqqas da parti tal-Kunsill Lokali intimat milli jespleta l-obbligi tieghu fir-rigward billi ma talabx li jigu mizbura s-sigar u l-haxix in kwistjoni jew li japplika ghall-istallazzjoni tal-arbli tad-dawl fit-triq *de quo* hlief <u>wara</u> li sehh l-incident in dizamina;

39. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-istess Kunsill Lokali intimat naqas mill-obbligu tieghu tal-prudenza, diligenza u li jezercita l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja skont id-dettam tal-artiklu 1031 tal-Kap 16 u dan, billi naqas fil-manutenzjoni minnu rikjesta li jitlob ghaz-zbir tas-sigar u haxix involut u li japplika ghall-istallazzjoni tal-arbli tad-dawl fejn kienu mehtiega;

40. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-Kunsill Lokali intimat ghandu responsabbilita` x'igorr fir-rigward tal-incident *de quo*;

Ikkunsidrat:

**B. 3. Ir-Responsabbilita` tas-socjeta` intimata *EneMalta p.l.c.*:**

41. Illi kif determinat aktar qabel, (ara paragrafu numru disgha u tletin, (39.), kien l-obbligu tal-Kunsill Lokali intimat li jitlob ghall-istallazzjoni tal-arbli tad-dawl fit-triq in dizamina mis-socjeta` intimata *de quo*;

42. Illi kien biss wara li tigi sottomessa din l-applikazzjoni mill-imsemmi Kunsill Lokali li s-socjeta` *EneMalta* intimata kien jiskattala d-dmir li tipprocessa l-istess applikazzjoni u eventwalment tistalla l-arbli rikjesti;

43. Illi mill-atti jirrizulta li l-imsemmija socjeta` intimata qatt m'irceviet l-imsemmija talba jew applikazzjoni mill-Kunsill Lokali intimat ghat-tqeghid t'arbli tad-dawl fit-triq in kwistjoni qabel sehh l-incident, u kien biss fis-16 ta' Novembru, 2009, u ghalhekk tmin (8) xhur wara li kien sehh l-incident in dizamina, li l-Kunsill Lokali *de quo* kien applika ghall-imsemmija arbli tad-dawl, (ara foll 320 u l-artiklu 40 tal-Kap 272 tal-Ligijiet ta' Malta a foll 347, 356 u 377);

44. Illi ghalhekk is-socjeta` *EneMalta* hawn intimata tirrizulta li hi ezenta minn kull responsabbilita` fir-rigward;

45. Illi in vista tal-premess it-tielet (3) risposta guramentata tas-socjeta` *EneMalta* intimata ghandha tigi akkolta;

Ikkunsidrat:

**B. 4. Ir-Responsabbilita` Kontributorja tar-rikorrenti Fenech:**

46. Illi in vista tar-rizultanzi kif fuq elenkati dan il-kap jirrizulta li hu wiehed doveruz;

47. Illi fir-rigward terga ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Saliba vs. Sindku Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar**, (ara paragrafu numru sitta u tletin, (36.), aktar qabel), li irriteniet is-segwenti:

> "Ghalkemm l-amministrazzjonijiet pubblici iridu jassiguraw lic-cittadini li t-toroq u bankini huma mizmuma fi stat tajjeb u ma jesponux lill-istess cittadini ghal perikolista` zejda, min-naha l-ohra c-cittadini ghandhom id-dover biex ikunu attenti waqt li qed jaghmlu uzu mill-istess bankini u toroq publici";

48. Illi ssir ukoll referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **William Saliba vs. Edward Camilleri**, datata l-**10 ta' Dicembru, 2004**, li irriteniet li:

> "Il-*pedestrian* ghandu dover tieghu wkoll u mhux il-kaz li dejjem ghandu ragun. Fil-fatt it-triq hi tat-tnejn (*pedestrian u driver*), bid-debita deligenza mistennija mit-tnejn. Salv li bejn vettura u pedestrian hu dan tal-ahhar li hu l-iktar fragli";

49. Illi l-istess qorti indikata fil-paragrafu precedenti hemm kompliet ukoll billi emfasizzat is-segwenti:

> "Bhalma qalet il-**Qorti ta' l-Appell** fil-kawza fl-ismijiet **Mary Bonello *et* vs Sylvia Fsadni** fis-sentenza taghha tal-**11 ta' Marzu 1998**:
>
> > "Hu car li kemm il-*pedestrian* kif ukoll id-*driver* ghandhom dmirijiet u responsabilitajiet bhal utenti tat-triq u kull wiehed minnhom kien bil-ligi obbligat li josserva r-regolamenti li jinkombu fuqhom biex jigi assigurat illi fl-ezercizzju tad-dritt taghhom li juzaw it-triq ma jaghmlu xejn biex ifixklu lil haddiehor fl-uzu legittimu ta' l-istess triq. Hu meta jsir abbuz mid-dritt ta' dan l-uzu billi ma jigux osservati r-regolamenti li l-ligi timponi li jinholqu cirkostanzi li jipprovokaw is-sinistru. Minn dan in-nuqqas, sew jekk tal-*pedestrian*, sew tas-sewwieq, temani r-responsabilita` ghall-akkadut";

50. Illi minn ezami tar-rizultanzi kif ipprezentati *in atti*, din il-qorti ma tistax hlief li tirravviza wkoll nuqqasijiet da parti tar-rikorrenti;

51.0. Illi l-incident *de quo* sehh meta:

51.1. Ir-rikorrenti Fenech kien mar jiggogja ma' siehbu Julian Borg, (ara foll 142, 313 u 360);

51.2. Illi dawn kienu qed jigru fi Triq il-*Power Station*, Marsaxlokk, filghaxija ghall-habta tat-8.20p.m. tal-4 t'April, 2009, (ara Rapport tal-Pulizija a foll 127);

51.3. Illi f'dak il-hin it-triq kienet wahda mudlama, (ara foll 127, 313, 360 u 363);

51.4. Illi fit-triq *de quo* ma kienx hemm arbli tad-dawl, (ara foll 127);

51.5. Illi kemm ir-rikorrenti Fenech u siehbu Borg kienu qed jigru b'daharhom lejn it-traffiku ma' genb xulxin fit-triq *de quo* u mhux fuq il-bankina, (ara foll 313), bir-rikorrenti Fenech fuq in-naha ta' barra, (ara foll 313);

51.6. Illi l-imsemmija Fenech u Borg kienu kostretti jinzlu mill-bankina minhabba l-haxix hazin, (ara foll 313);

51.7. Illi z-zewg sportivi in dizamina kienu libsin l-iswed, (ara foll 313), jew hwejjeg skuri, (ara foll 360 u 363);

51.8. Illi l-istess sportivi ma kienux libsin hwejjeg li jleqqu jew li jirriflettu d-dawl, senjatament *fluorescent vest*, (ara foll 313);

51.9. Illi l-intimat Carabott kien qed isuq bil-mod bl-*engine break*, b'velocita` ta' tletin (30) mil fis-siegha, (ara foll 313);

52.0. Illi mill-assjem tal-fatti fuq elenkati ghandu jirrizulta pacifiku li meta r-rikorrenti:

52.1. Kien liebes skur meta kien fi dlam cappa;

52.2. Ma kellux sinjali distintivi li jirriflettu d-dawl ta' vetturi li jistghu jkunu ghaddejjin minn hdejh;

52.3. Kien qed jigri f'nofs it-triq;

52.4. Kien b'dahru lejn il-karozzi li jigu minn warajh;

allura l-istess rikorrenti kien negligenti fir-rigward u ghalhekk ikkontribwixxa hu wkoll ghas-sinistru in dizamina;

53. Illi in vista tal-premess jigi ghalhekk sottolineat li din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti Fenech kien ukoll negligenti fir-rigward u konsegwentement hu wkoll ikkontribwixxa ghas-sinistru in dizamina;

Ikkunsidrat:

54. Illi fir-rigward tal-**Likwidazzjoni tad-Danni** reklamati jinghad sintetikament is-segwenti:

**A. Damnum Emergens:**

55.0. Illi fir-rigward tal-**ispejjez medici** inkorsi mir-rikorrenti Fenech jirrizulta li ipprezenta diversi ricevuti fir-rigward, (ara foll13 sa 22), li jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

55.1. Foll 13: € 31.81;

55.2. Foll 16: €140.00;

55.3. Foll 17: € 14.00;

55.4. Foll 19: € 50.00;

**€235.81 Total – qed jigu akkolti**

56. Illi r-ricevuti prodotti a foll 15, 18, 20, 21 u 22 qed jigu respinti *stante* li ma gewx debitament spjegati a sodisfazzjon tal-qorti;

57.0. Illi fir-rigward tal-**ispejjez ghall-ivvjaggar** inkorsi mir-rikorrenti Fenech jirrizulta li ipprezenta wkoll diversi ricevuti fir-rigward, (ara foll 23 sa 43), li jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

57.1. Foll 23: hemm indikat l-ammont ta' €732.81, liema ammont gie ikkontestat mill-intimat Carabott, (ara foll 403), billi oggezzjona ghall-ivvjaggar tal-genituri tar-rikorrenti u konsegwentement din il-qorti qed tilqa' biss l-ammont relattiv tar-rikorrenti, senjatament l-ammont ta' €241.27;

**Total: €241.27**

57.2. Illi r-ricevuti prodotti a foll 29, 30, 31, 32, 33, 34, 35, 36, 37, 38, 39, 40, 41, 42 u 43 jirreferu principalment ghall-ivvjaggar tal-genituri tar-rikorrenti jew ghall-ispejjez li ma gewx debitament spjegati ghas-sodisfazzjon ta' din il-qorti u konsegwentement, qed jigu respinti;

58. Illi fir-rigward tal-**ispejjez konnessi ma korsijiet** reklamati mir-rikorrenti jigi sottolineat li r-raguni ghaliex dan ma setghax ikompli bl-istess korsijiet li kien gia` inkiteb ghalihom ma tirrizultax debitament spjegata li kienet konness mal-incident in dizamina u ghalhekk qed jigu respinti:

59.0. Illi fir-rigward tal-**ispejjez legali** jinghad sintetikament is-segwenti:

59.1. Foll 49: €417.47

59.2. Foll 51: €118.00

**Total akkolt: €535.47**

60. Illi l-kont datat is-27 t'Awwissu, 2009, (ara foll 52), rilaxxat f'isem missier ir-rikorrenti ma jistax jigi likwidat *stante* li l-konnessjoni mal-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna ma jirrizultawx li gew ipprovati;

61.0. Illi fir-rigward tal-**ispejjez ancillari** reklamati mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

61.1. Foll 53 sa 58: It-talbiet hemm kontenuti ghandhom jigu respinti *stante* r-rilevanza tal-istess ghall-incident in dizamina ma tirrizultax debitament ipprovata;

61.2. Foll 59 : €180.00 *Neck Support Pillow* qed tigi akkolta.

62.0. Illi fir-rigward tat-**telf effettiv ta' introjtu** tar-rikorrenti miz-17 ta' Gunju, 2009, sa Mejju, 2010, *stante* li rizultat tal-incident in dizamina spicca minghajr xoghol, jinghad is-segwenti:

62.1. Illi fil-perjodu in dizamina r-rikorrenti kienu jippercepixxi salarju annwu ta' €17.820.99, (ara foll 61);

63.0. Illi ghalhekk l-**ammont komplessiv** relattiv ghad-**Damnum Emergens** reklamat qieghed jigi ikkalkolat bil-mod segwenti:

| | | |
|---|---|---|
| 63.1. | Spejjez Medici : | € 235.81 |
| 63.2. | Spejjez ghall-Ivvjaggar: | € 241.27 |
| 63.3. | Spejjez re Korsijiet : | € 000.00 |
| 63.4. | Spejjez Legali : | € 535.47 |
| 63.5. | Spejjez Ancillari : | € 180.00 |
| 63.6. | Spejjez re Telf t'Introjtu: | €17,820.99 |
| | **Total:** | **€19,012.73** |

Ikkunsidrat:

**B. Lucrum Cessans:**

64.0. Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrenti jsosstni sintetikament is-segwenti, (ara foll 10 u 395):

64.1. Introjtu gross annwali ta' €22,013.00;

64.2. Illi rigward il-***Multiplier*** jinghad is-segwenti:

64.2.1. Illi fid-data tal-incident ir-rikorrenti kellu 23 sena, (ara foll 395);

64.2.2. Illi ghalhekk ser jigi adottat ***Multiplier*** ta' **35**;

64.2.3. Illi l-qorti qed tadotta persentagg ta' 5% **dizabilita` permanenti**, (ara foll 219);

64.3. Illi rigward il-***Lump Sum Payment Deduction*** jinghad is-segwenti:

64.3.1. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **Annunziata *sive* Nancy Caruana vs. Odette Camilleri**, datata s-**27 ta' Frar, 2004**, li irribadiet is-segwenti:

> "... ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba *lump sum payment* id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relativa u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv;

64.3.2. Illi *di piu`*, ssir referenza wkoll ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Joseph Agius *et* vs. *All Services Limited***, datata t-**2 ta' Gunju, 2005**, li f'dan ir-rigward irriteniet:

> "F'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("*lump sum payment*") lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni, pero` tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-qrati, li jekk kawza iddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza iddum biex tigi decisa";

64.3.3. Illi jirrizulta inkonfutabbilment li l-incident in dizamina sehh fl-4 t'April, 2009, (ara foll 127);

64.3.4. Illi jirrizulta wkoll daqstant inkonfutabbli li l-procedura odjerna giet intavolata fil-15 ta' Frar, 2013, (ara foll 1);

64.3.5. Illi s-sentenza fir-rigward qed tigi pronunzjata fis-16 t'Ottubru, 2018;

64.3.6. Illi in vista tal-premess allura ghandu jkun hemm tnaqqis ta' **14%**;

65. Illi konsegwentement il-**Lucrum Cessans** ghandu jinhadem bil-mod segwenti:

**€22,013.00 x 35 x 5% - 14% = €33,129.56**

Ikkunsidrat:

66.0. Illi tenut kont tas-suespost id-danni riskontrati allura qed jigu likwidati bil-mod segwenti:

66.1. ***Damnum Emergens***: **€19,012.73**

66.2. ***Lucrum Cessans*** : **€33,129.56**

66.3. **Total**: **€52,142.29**

Ikkunsidrat:

67. Illi jigi pero` sottolineat kif fuq stabbilit, (ara paragrafi sitta u erbghin, (46.), sa tlieta u hamsin, (53.) li r-**responsabbilita`** ghall-incident in dizamina ghandha tingarr b'mod ugwali bejn ir-rikorrenti Fenech u l-intimati Carabott u l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk f'porzjon ta' **terz (⅓) kull wiehed**;

Ikkunsidrat:

68.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi fil-limitazzjonijiet fuq esposti, u konsegwentement:

**DECIDE:**

68.1. Takkolji l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata u tilliberha mill-osservanza tal-gudizzju;

68.2. Tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-intimati Carabott u Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk;

68.3. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti Fenech bil-limitazzjoni li hu wkoll hu responsabbli li kkontribwixxa ghall-incident in dizamina;

68.4. Illi in vista tas-suespost, fir-rigward, (ara paragrafu numru sebgha u sittin (67.), aktar qabel), tillikwida d-danni komplessivi fir-rigward fl-ammont ta' tlieta u erbghin elf seba' mija wiehed u sittin euro u tlieta u hamsin centezmu, (€34,761.53);

68.5. Tikkundanna lill-intimati Jason Carabott u l-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk biex *in solidum* bejniethom ihallsu dan l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti Derek Fenech bl-imghaxijiet fuq l-istess jibdew jiddekorru mid-data tas-sentenza odjerna;

68.6. Bl-ispejjez ta' din il-procedura jinqasmu bejn ir-rikorrenti u l-intimati Carabott u l-Kunsill Lokali *de quo* fl-ammont ta' terz (⅓) kull wiehed.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**